# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 14**

**Rikors numru 175/21/1 LM**

**Insignia Cards Limited (C54426)**

**v.**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' informazzjoni Finanzjarja u l-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-attriċi mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-30 ta' Lulju 2021 li biha applikat l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) u rrifjutat li teżerċita s-setgħa li tisma' u tiddeċiedi l-ilment tal-attriċi dwar ksur ta' drittijiet fundamentali skont l-Artikoli 39(1), 39(6) u 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6§1, 6§3 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet

Fundamentali marbuta mat-tħaddim tal-Att kontra l-*Money Laundering* (Kap. 373) u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01.

2. Bħala fatti jirriżulta li b'ittra datata 24 ta' Novembru 2020 l-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja ('FIAU') għarraf lill-attriċi li kien impona fuqha piena amministrattiva ta' €373,670 skont l-Art. 13 tal-Att Kontra Money Laundering (Kap. 373) u r-regolament 21 tar-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S. 373.01). Il-piena ġiet inflitta fuq l-attriċi minħabba li l-FIAU qal li sab diversi nuqqasijiet fl-operat tal-attriċi. Għalhekk l-attriċi appellat mid-deċiżjoni tal-FIAU quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), li għadu pendenti. Fit-18 ta' Marzu 2021 l-attriċi ppreżentat il-kawża kostituzzjonali.

3. L-ilment tal-attriċi hu spjegat f'paragrafu 4 tar-rikors promotur fejn spjegat:

> *"4. Fis-suċċint, u kif ser jiġi spjegat fid-dettal iktar l-isfel, Insignia qed tressaq din il-kawża minħabba l-fatt li, skontha, hemm numru ta' dispożizzjonijiet fl-Att u fir-Regolamenti li minnhom infushom jilledu d-dritt tagħha ta' smigħ xieraq. Addizzjonalment, jirriżulta wkoll li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni kien bi ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. Insignia tissottometti wkoll li l-Att, ir-Regolamenti u l-Implementing Procedures mhumiex ippromulgati abbażi tal-prinċipju nullum crimen nulla poena sine lege u għaldaqstant dan ukoll jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha. F'dawn il-proċeduri għalhekk, Insignia qed tressaq il-pretenzjonijiet tagħha li:*
>
> *4.1 L-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13 A, u/jew 13 B, 13 C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti li huma d-disposizzjonijiet fil-liġi abbażi ta' liema (a) il-Korp hu mogħni bil-poteri*

*biex jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u 'qorti', u (b) jissussisti n-nuqqas ta' rimedju adegwat ta' appell, jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem hekk kif protetti mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni").*

*4.2 Il-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, jilledi l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6)(a) tal-Kostituzzjoni;*

*4.3 L-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures – Part 1 u Part 2 (Remote Gaming) maħruġa mill-Korp ('l-Implementing Procedures") abbażi tal-liema l-Korp sab ksur li wassal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, il-Korp abbuża mid-diskrezzjoni mogħtija lilu mil-liġi, aġixxa arbitrarjament u b'abbuż tal-poteri tiegħu u sab li Insignia kienet ħatja ta' akkużi ta' natura kriminali li ma jirriżultawx mil-liġi".*

4. Għalhekk talbet lill-Qorti sabiex:

*"Għal dawn ir-raġunijiet, jgħidu għalhekk l-intimati 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*a. Tiddikjara li l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13 A, u/jew 13 B, 13 C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' Insignia hekk kif protetti mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni; u/jew*

*b. Tiddikjara li Il-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, inkluż il-mod kif inħarġet l-Minded Letter, jilledi l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6) (a) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Tiddikjara li l-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew ċertu disposizzjonijiet tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures abbażi tal-liema l-Korp sab ksur li wasal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; u/jew*

*d. Tiddikjara li d-Deċiżjoni, jew parti minnha, u l-mod kif iddeċieda l-Korp jilledi l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;*

*e. Tiddikjara konsegwentement nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi ta' compliance li għamlu l-Korp; u/jew*

*f. Tiddikjara nulli u inattendibbli id-Deċiżjoni, jew parti minnha, u tħassarha kollha jew in parte; u/jew*

*g. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tal-esponenti; u/jew*

*h. Tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-Qorti tħoss li huwa opportun".*

5. Kemm l-Avukat tal-Istat kif ukoll l-FIAU wieġbu li fl-ewwel lok l-attriċi naqset milli teżawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli għaliha qabel ippreżentat il-kawża. F'dan ir-rigward:-

5.1.1. L-Avukat tal-Istat qal:

*"1. Illi preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex ir-rikorrent ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavola din il-kawża kostituzzjonali speċjali. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, il-multa amministrattiva mogħtija mill-Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jistax f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrenti m'għandhiex rimedju xieraq meta l-appell għadu lanqas biss instema';*

*Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;"*

5.1.2. Il-Korp qal:

*"1. Illi fl-ewwel lok il-Korp esponent umilment jissottometti illi s-soċjetà rikorrenti għandha rimedju ordinarju effettiv għad-disposizzjoni tagħha a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' liġi, iżda anki fuq il-mertu tad-deċiżjoni tal-Korp. Fil-fatt is-soċjetà rikorrenti għażlet li tużufruwixxi ruħha minn dan ir-rimedju u intavolat l-appell tagħha a tenur tal-imsemmi artikolu 13A, liema appell għadu pendenti. Għalhekk f'dan l-*

*istadju, ir-rimedju ordinarju disponibbli għar-rikorrent għadu mhuwiex eżawrit. Għaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta illi teserċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.*

*2. Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-azzjoni odjerna hija waħda intempestiva billi d-deċiżjoni tal-Korp esponent fil-konfront tas-socjetà rikorrenti għadha qiegħda tiġi kkontestata permezz tal-appell hawn fuq imsemmi. Ladarba r-rikorrenti għażlet li tintavola appell, hija għandha tistenna li dak l-appell jieħu l-kors kollu tiegħu billi f'dan l-istadju għad ma hemm l-ebda deċiżjoni finali. Jekk sa llum għadu qed jiġi dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell jekk il-multa hux ser tiġi kkonfermata jew le, wieħed ma jistax f'daqqa waħda jinsa li potenzjalment dik il-multa tista' tiġi ikkonfermata jew imħassra u jgħaddi biex jara jistax jannulla dik il-multa abbażi ta' ksur ta' liġi speċjali dwar drittijiet fundamentali (ħaġa li tippresupponi li l-multa ġiet diġà kkonfermata u ma baqa' l-ebda rimedju ordinarju ieħor taħt il-liġi ordinarja).”*

6. B'sentenza tat-30 ta' Lulju 2021 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Lulju 2021 iddeċidiet:

*“tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Korp intimat u l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat, u qiegħda tiddeċiedi billi tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont id-diskrezzjoni mogħtija lilha permezz tas-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.”*

7. L-ewwel Qorti mmotivat id-deċiżjoni b'dan il-mod:

*“Il-Qorti tgħid li huwa tassew minnu li l-proċeduri odjerni huma intempestivi. Fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar, 2014 fl-ismijiet* ***John Grech vs. Onor. Prim Ministru****, il-Qorti Kostituzzjonali esprimiet ruħha kif ġej:*

> *“22. Illi dwar il-posizzjoni legali, il-Qorti tagħmel referenza għall-prinċipji miġbura fis-sentenza mogħtija minnha fis-16 ta' Jannar 2006 fil-kawża* ***Olena Tretyak v Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriates Affairs****. Fis-suċċint jista' jingħad li llum huwa assodat fil-ġurisprudenza li biex l-ewwel qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat Kostituzzjonali tagħha jeħtieġ li l-liġi ordinarja tagħti rimedju prattiku, aċċessibbli, effettiv, adegwat u sħiħ għal-lanjanza tar-rikorrent. Mhuwiex neċessarju suċċess garantit, basta li r-rikorrent ikollu l-opportunità fil-liġi ordinarja li jakkwista tali rimedju bl-applikazzjoni ta' din il-liġi.”*

*8. Fil-każ odjern mhux kontestat il-fatt li s-soċjetà rikorrenti għandha rimedju skont il-liġi ordinarja permezz ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u fil-fatt jirriżulta li kontestwalment hija intavolat l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Korp appellat u liema appell għadu qed jinstema' minn dik il-Qorti. Huwa minnu li l-lanjanzi li s-soċjetà rikorrenti ressqet quddiem l-imsemmija Qorti mhumiex dawk ta' natura kostituzzjonali li qiegħda tressaq hawn, imma dawn tal-aħħar essenzjalment huma msejsa fuq l-ilmenti li hija għamlet lill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) jew huma marbutin magħhom. B'hekk jiġi rilevat li huwa biss jekk dik il-Qorti tonqos milli adegwatament tindirizza l-ilmenti tagħha li mbagħad is-soċjetà rikorrenti għandha d-dritt li tirrikorri lil din il-Qorti. Imma jekk il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, jew tindirizzahom b'mod li ġġib fix-xejn l-ilmenti tagħha ta' natura kostituzzjonali u/jew konvenzjonali, ma jkunx hemm lok aktar li s-soċjetà rikorrenti tirrikorri lil din il-Qorti. Għalhekk ikun jonqos li wieħed jara d-deċiżjoni ta' dik il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qabel ma jistgħu jiġu kkonsidrati l-ilmenti ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif miġjuba quddiem din il-Qorti.*

*9. Għaldaqstant il-Qorti tgħid li l-proċeduri odjerni huma intempestivi u tagħraf li huwa għaqli li tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont id-diskrezzjoni mogħtija lilha permezz tal-provisos tas-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319".*

8. Permezz ta' rikors tal-appell preżentat fil-11 ta' Awwissu 2021 l-attriċi lmentat li:

*"l-Ewwel Qorti applikat l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319, kif ukoll il-provisos tagħhom b'mod żbaljat. Il-Qorti ma kellhiex tiddeklina li teżerċita s-setgħat tagħha skotn l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap 319 u f'dan il-każ kien hemm interpretazzjoni ħażina tal-liġi kif ukoll tal-fatti li kellha quddiemha l-Ewwel Onorabbli Qorti. Dan għaliex:*

*a. il-kwistjoni legali quddiem l-Ewwel Qorti huwa għal kollox differenti mill-kwistjonijiet u lmenti li qed jitqajjmu fil-proċeduri tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u*

*b. ir-rimedju li qed jintalab u li jista' jiġi miksub fiż-żewġ proċeduri huma differenti. Fir-rigward ta' dawn il-proċeduri, r-rimedju Kostituzzjonali huwa l-uniku rimedju."*

Għaldaqstant talbet lill-Qorti sabiex:

*"tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tiddikjara li din tal-aħħar għandha teżerċita s-setgħet tagħha skont l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni*

> *u l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 u tordna li l-atti jerġgħu jiġu rimandati lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex, wara li tisma' l-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet f' dik il-kawża, tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet tas-soċjetà Insignia f' dawn il-proċeduri Kostituzzjonali."*

9. L-FIAU wieġeb illi din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni li għandha l-ewwel Qorti għaliex ma jeżistux raġunijiet serji u gravi ta' llegalita` jew ta' ġustizzja jew żball manifest li jistgħu jwassluha tikkonkludi li r-rimedju ordinarju in kwistjoni mhuwiex wieħed adegwat.

10. L-Avukat tal-Istat isostni li l-ilment tal-attriċi hu dwar id-dritt ta' smigħ xieraq, u għalhekk iridu jitqiesu l-proċeduri fl-intier tagħhom. Għalhekk il-Qorti ma tistax tiffoka biss fuq parti waħda mill-proċess ġudizzjarju. Kompla li hu xieraq li l-proċess ġudizzjarju jiġi fi tmiemu, u jekk wara l-proċeduri ġudizzjarji li hemm pendenti l-attriċi tkun għadha mhijiex sodisfatta, allura jkun f'dak l-istadju li għandha tipproponi l-kawża kostituzzjonali.

<u>Konsiderazzjonijiet.</u>

11. L-attriċi ssostni li n-nuqqas waħdu ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji mhuwiex raġuni biżżejjed sabiex l-ewwel Qorti tiddeċiedi li ma tismax u tiddeċiedi l-ilment, sakemm ma jintweriex illi dawk il-mezzi ordinarji jagħtu rimedju sħiħ lill-attriċi. Kompliet li għalkemm il-proċeduri fl-ismijiet **Insigna Cards Limited (C54426) v. Korp għall-Analisi ta'**

**Informazzjoni Finanzjarja** quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) huma konnessi ma' din il-kawża, il-kwistjonijiet legali mertu ta' dak l-appell u r-rimedju li ntalab f'dak l-appell hu differenti mill-ilment u r-rimedju li qiegħda tfittex fil-kawża kostituzzjonali. Spjegat li:

i. l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) tressaq a bażi tal-Artikolu 13 tal-Kap. 373 u fih l-attriċi lmentat li l-FIAU naqas milli janalizza l-informazzjoni li ngħatatlu minn Insigna u li konsegwentement l-istess Korp żbalja meta mpona l-penali u nterpreta l-liġi b'mod ħażin; mentri

ii. f'din il-kawża l-ilment hu dwar il-liġi li tipprovdi li jsiru investigazzjonijiet, multi, u l-mod kif dawn jistgħu jiġu kontestati b'appell. L-attriċi ssostni li l-FIAU mhuwiex Qorti li tista' tiddetermina kwistjonijiet relatati ma' pieni kriminali skont kif tirrikjedi l-Kostituzzjoni, li l-Korp imsemmi mhuwiex indipendenti u mparzjali u li l-proċess tal-appell mhuwiex tali li jiggarantixxi d-dritt ta' smigħ xieraq. Tikkontesta wkoll il-fatt li numru ta' dispożizzjonijiet tal-Kap. 373, Regolamenti taħtu u *implementing procedures* jilledu l-Artikolu 39(8) u l-Artikolu 7 u li l-liġi ma tispjegax b'mod ċar x'inhuma l-obbligi li wieħed irid iħares sabiex ma jinstabx ħati ta' ksur. Konsegwentement ir-rimedju mitlub huwa *inter alia*: (a) dikjarazzjoni li dispożizzjonijiet varji tal-Kap. 373 u Regolamenti taħtu jilledu d-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-

Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea; (b) dikjarazzjoni ta' nullita` u inattendibilita` tal-proċeduri kollha ta' investigazzjoni li saru mill-Korp; (c) dikjarazzjoni ta' nullita` u inattendibilita` tad-deċiżjoni tal-Korp li biha ġiet imposta l-multa; u (d) ordni għall-ħlas ta' danni morali minħabba l-allegat ksur.

12. L-attriċi għamlet referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, **Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompettizzjoni) et** tat-3 ta' Mejju 2016. Qalet li dak il-każ kien jitratta dwar ċirkostanzi identiċi għal dak in eżami. Saret ukoll referenza għas-sentenza **Mark Formosa v. L-Avukat Ġenerali** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ġunju 2020.[1]

13. Il-Qorti tippuntwalizza li fil-każ fl-ismijiet **Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompettizzjoni) et** il-Qorti Ċivili, Prim'Awla kienet ċaħdet l-eċċezzjoni dwar l-intempestivita` tal-azzjoni u wara li kkonsidrat il-mertu sabet ksur ta' drittijiet fundamentali tal-imsemmija Federazzjoni. Il-konvenuti f'dik il-kawża kienu appellaw u din il-Qorti ddeċidiet:

> *'fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ikun aktar xieraq illi dan l-aggravju tal-Appellanti ma jintlaqax, u illi l-appell jinstema' wkoll fil-meritu partikolarment għax ma jkunx għaqli illi jitkompla l-proċess quddiem id-Direttur meta hemm sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tgħid illi dak il-proċess huwa bi ksur ta' jeddijiet fondamentali u dik is-sentenza għalkemm għadha mhix finali tkun tħassret mhux għal*

[1] Każ 47/2019TA li għadu *sub judice.*

*raġunijiet ta' meritu iżda minħabba punt proċedurali, b'mod illi d-deċiżjoni li sabet ksur ta' drittijiet tibqa' mdendla, biex ngħidu hekk, fuq il-proċess. Ladarba ġà hemm deċiżjoni ġudizzjarja li toħloq għall-inqas dubju prima facie li l-proċess huwa vizzjat, ikun aktar għaqli li dak id-dubju jew jiġi konfermat jew jitneħħa.'*

14. Min-naħa hu minnu li f'dik is-sentenza l-Qorti qalet:

*'Barra minn hekk, fil-każ tallum huwa l-proċess innifsu ta' kif issir xilja ta' attività anti-kompetitiva, u kif min jagħmel l-istess xilja għandu wkoll is-setgħa li jiddeċiedi dwarha, illi huwa l-kawża tal-ilment kostituzzjonali. Fil-fatt l-ilment tal-Federazzjoni huwa dwar il-fatt li qiegħed isir dan il-proċess u illi l-proċess innifsu, indipendentement mill-eżitu tiegħu, jikser id-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Dan il-proċess u s-setgħat tad-Direttur jibqgħu l-istess ukoll jekk id-deċiżjoni finali tkun favur il-Federazzjoni. Fi kliem ieħor, għalkemm huwa minnu illi d-deċiżjoni li eventwalment jasal għaliha d-Direttur tista' tkun favorevoli għall-Federazzjoni li għalhekk ma jibqgħalhiex interess ġuridiku fil-kawża tallum, meta tqis illi l-ilment ewlieni tal-Federazzjoni jolqot il-proċess innifsu li jwassal għad-deċiżjoni, u l-fatt li min jagħmel ix-xilja jiddeċiedi wkoll dwarha, ma jkunx intempestiv li ilment jitqies minn issa għaliex ukoll fi tmiem il-proċess dawn il-fatturi sejrin jibqgħu invarjati.'*

15. F'dawn il-proċeduri l-konvenuti jsostnu li r-rimedju ordinarju spettanti lill-appellanti joħroġ minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 373:

*'13A.(1) Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu.*

*(2) L-appell imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jsir fil-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) komposta kif hemm fl-artikolu 41(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.Kap. 12.*

*(3) Appell fil-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) kif hemm fis-subartikolu (1) għandu jiġi ppreżentat fir-reġistru ta' dik il-Qorti fi żmien għoxrin ġurnata mid-data meta l-għoti tal-pienaamministrattiva jiġi notifikat lill-persuna suġġetta, u, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dak l-appell għandu jkun regolat mid-dispożizzjonijiet*

*applikabbli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li għandhom x'jaqsmu mal-appelli.'*

16. L-attriċi għamlet użu għar-rimedju ta' appell billi fil-15 ta' Diċembru 2020 talbet ir-revoka u t-tħassir tad-deċiżjoni tal-Korp permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Fil-paragrafu 5 tar-rikors tal-appell spjegat:

*'dan l-appell huwa għaliex intiż biex jissindika u jirrevedi d-deċiżjoni tal-Korp (i) fil-parametri ta' dak strettament impost mil-liġi u regolamenti applikabbli; u (ii) fl-isfond tal-protezzjoni tad-dritt tal-appellant li jkollu smigħ xieraq tal-posizzjoni tiegħu minn Qorti kif titlob il-Kostituzzjoni ta' Malta. '*

17. F'dak l-appell l-aggravji tas-soċjeta` appellanti huma s-segwenti:

17.1. Illi l-FIAU naqas milli jikkonsidra u janalizza b'mod adegwat l-informazzjoni li tatu l-attriċi; u illi

17.2. Illi l-piena hi sproporzjonata.

18. Waqt li l-appell għadu pendenti, l-attriċi pproċediet biex tippreżenta l-kawża fejn qiegħda tilmenta minn ksur ta' jeddijiet fundamentali. L-ilmenti tal-attriċi huma kollha bbażati fuq l-allegazzjoni li l-proċeduri amministrattivi in kwistjoni huma ta' natura kriminali. Dawn huma:

18.1. <u>Allegat ksur tal-Artikolu 6§1 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni</u> għaliex:

(i) FIAU mhuwiex organu awtonomu u indipendenti;

(ii) l-appell li jingħata skont l-Artikolu 13A tal-Att mhuwiex rimedju adegwat biex jassigura d-dritt ta' smigħ xieraq; u

(iii) il-liġi ma tipprovdix għall-parita` ta' armi peress illi:

(a) persuna suġġetta tiġi mġiegħla tipprovdi informazzjoni li tista' twassalha tinkrimina ruħha; u

(b) il-Korp għandu diskrezzjoni assoluta kemm idum biex jinvestiga u jasal għad-deċiżjoni tiegħu, filwaqt li l-appellanti kellha biss għoxrin jum sabiex tappella;

18.2. Allegat ksur tal-Artikolu 6§3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni in kwantu ssostni li qabel id-deċiżjoni tal-Korp, ma ġietx infurmata sew dwar in-natura u l-gravita` tal-'akkuża' kontriha jew x'tip ta' ksur u multi setgħu jiġu mposti fuqha u għalhekk tgħid li ma kinitx f'pożizzjoni li tiddefendi lilha nnifisha; u

18.3. Allegat ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni in kwantu ssostni li l-parti l-kbira tas-sejbien ta' ksur fid-

deċiżjoni tal-Korp huma bbażati fuq interpretazzjoni soġġettiva ta' regoli ġenerali kontenuti fir-Regolamenti u *Implementing Procedures* jew fuq numru ta' dispożizzjonijiet ta' *Implementing Procedures* li kienu ġew disponibbli bħala linji gwida għall-persuni suġġetti xahrejn qabel ma saret l-investigazzjoni.

19. Fis-sentenza **Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et** tal-5 ta' April 1991, intqal hekk:

> *"Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda 'l wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir- rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat taghha"*.

20. Dak li qiegħda ssostni l-attriċi f'din il-kawża jmur lil hinn mill-parametri tal-appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Hu minnu li quddiem dik il-Qorti jistgħu jsiru appelli dwar punti ta' fatt u ta' liġi. Madankollu, f'dak l-appell il-Qorti mhijiex ser tikkonsidra u tiddeċiedi dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li għalihom irreferiet l-attriċi, jiksrux il-jeddijiet fundamentali protetti taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Art. 6 u 7 tal-Konvenzjoni. L-attriċi għandha interess li l-kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali jiġu determinati f'dan l-istadju. Saħansitra qiegħda wkoll timpunja l-proċedura stess tal-appell

li tipprovdi għalih il-liġi. Mhemm l-ebda garanzija li l-attriċi ser toħroġ rebbieħa fl-appell pendenti.

21. Hu fatt li parti mill-ilment tal-attriċi hu dwar il-mod kif mexxa l-investigazzjoni l-FIAU qabel id-deċiżjoni, u l-attriċi għamlet referenza għall-Art. 6(3) tal-Konvenzjoni u Art. 39(6)(a). Normalment wieħed irid jistħarreġ il-proċess kollu u mhux jillimita ruħu għal xi stadju partikolari. F'dan ir-rigward fadal l-appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Madankollu jibqa' l-fatt li jkun x'ikun l-eżitu tal-proċess li għad irid isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), dak li ġara quddiem l-FIAU seħħ u l-attriċi tilmenta li fih innifsu dak il-proċess wassal għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali. Inoltre, dan l-ilment hu direttament konness mal-ilment li bih l-attriċi qiegħda tikkontesta provvedimenti tal-Att Kontra l-*Money Laundering* fosthom li l-FIAU hu awtorita` pubblika li bil-liġi jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin.

22. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti m'għandhiex dubju li fil-każ in eżami l-attriċi mhijiex tabbuża mill-proċess kostituzzjonali u mhemmx bażi sabiex Qorti tiddeċiedi li ma tqisx l-ilment tal-attriċi minħabba li għandha mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-attriċi u filwaqt li tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Lulju 2021, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-FIAU u tal-Avukat tal-Istat. Spejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu tal-konvenuti.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm